15 ta' Novembru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mattew Calleja

**Traffiku — Kollizjoni — Sewqan Perikoluż — Danni — Liċenza — Sospensjoni — Art. 17 tal-Kap. 105.**

*Il-ħtija ta' sewqan perikoluż iġġib magħha s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan; imma meta l-imputat huwa akkużat anki dwar danneġġjament involontarju kaġunat b'dak is-sewqan, ir-reat minuri ta' sewqan perikoluż huwa assorbit f'dak aktar gravi ta' danneġġjament, bħala figura ta' reat uniku punibili bil-piena tar-reat aktar gravi; u għalhekk ma jistax ikun applikabili d-dispost tal-liġi relativ għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan.*

B'sentenza tagħha tat-23 ta' Lulju 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-appellant ħati talli saq motor car b'manjiera perikoluża waqt li kien qed idur liwja, u talli, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' char-a-banc u għamlilha ħsara, u għamel ukoll ħsara lill-car li kien qed isuq, u kkundannatu.

wara li applikat il-prinċipju ta' l-assorbiment tar-reat minuri fir-reat aktar gravi, għall-piena tal-multa ta' £3; billi kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li waqt li l-imputat Mattew Calleja kien qed isuq motor car no. 12671 fil-jum u l-ħin imsemmija fl-akkuża minn Birżebbuġa Street, Birżebbuġa, biex idur kantuniera, sejjer lejn id-direzzjoni tal-Belt, malli dar il-kantuniera ħabat ma' char-a-banc nru. 3673 misjuqa minn Carmelo Agius, li kien sejjer lejn Birżebbuġa fid-direzzjoni opposta, bil-konsegwenza illi l-car misjuq minn Calleja sofra ħsara ammontanti għal aktar minn £30 għad-dannu ta' Angelo Cassar, u x-char-a-banc sofriet ħsara;

L-imputat Calleja, qabel ma dar il-kantuniera qala' char-a-banc oħra li kienet miexja fl-istess direzzjoni tiegħu bil-mod ħafna, kważi bil-kemm tiċċaqlaq, u li kienet qiegħda tistenna fuq is-side tagħha qabel laħqet il-kantuniera, biex tħalli l-wisa' lix-char-a-banc numru 3673, misjuqa minn Agius, iddur qabel il-kantuniera, billi din kienet għat-telgħa. Id-driver tax-char-a-banc li kienet qiegħda tistenna lix-char-a-banc misjuqa minn Agius iddur il-kantuniera, David Campbell, korroborat mill-konduttur tiegħu, xehed illi Calleja ma daqqx il-horn fil-kantuniera; dan qalu wkoll ix-xhud Cassar, illi qal li ma semax il-horn fil-kantuniera. Barra minn dan, mill-brake marks twal 17-il pied li ħalliet il-karrozza misjuqa minn Calleja, jidher illi Calleja kien għaddej kif qal ix-xhud Campbell, bi speed aktarx ħaj. L-imputat Calleja qal illi huwa daqq il-horn qabel qabeż ix-char-a-banc fil-kantuniera, u li laħaq daħal fuq is-side tiegħu meta daħal fuqu Agius. Iżda mill-mod kif saret il-ħabta jidher illi dana ma kienx hekk. Infatti l-karrozza misjuqa minn Calleja ħadet il-ħabta fuq il-ġenb min-naħa tal-lemin minn nofs il-mudguard tal-lemin matul il-karrozza kollha, li tkaxkret mal-parti ta' quddiem tal-mudguard tal-lemin tax-char-a-banc misjuqa minn Agius. Dana juri li Calleja ma kienx laħaq mar fuq is-side tiegħu, għax kieku laħaq daħal fuq sajdu kien jirnexxilu jgħaddi bejn ix-char-a-banc u l-ħajt. Infatti, kif jidher minn li sketch, l-ispazju li hemm bejn ix-char-a-banc u l-ħajt fuq in-naħa tal-lemin ta' dan, fil-pont l-aktar viċin lejn il-ħajt, kien ta' 8.7 piedi, mentri l-karrozza misjuqa minn Calleja hija wiesgħa 5 piedi biss;

Dawn iċ-ċirkustanzi kollha, u ċjoè li l-imputat Calleja għamel il-manuvra riskjuża ta' "overtaking" f'kantuniera, ma daqqx il-horn, u f'kantuniera baqa' għaddej bi speed ħaj, jikkostitwixxu sewqan perikoluż, u fl-istess ħin negliġenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tiegħu; u għalhekk għandu jiġi ritenut illi l-ħabta saret prinċipalment ħtija tiegħu;

Hu veru li ġie pruvat illi Agius kien pjuttost fin-nofs tattriq, iżda l-pożizzjoni tiegħu hemm ma kienetx kapriċċuża, għax minħabba t-tul tax-char-a-banc, 27 pied, il-wisa' u l-konfigurazzjoni tat-triq ma tippermettilux jikser dik il-kantuniera mingħajr ma joħroġ xi ftit il-barra minn sajdu. Iżda mill-banda l-oħra, jidher illi dana l-imputat mhux immuni għal kollox mill-ħtija; għaliex, għalkemm f'manjiera ferm anqas, hu kkontribwixxa għalbiex saret il-kolliżjoni, bil-fatt illi, kif jidher mill-brake marks twal 20 pied li hu ħalla, meta jiġi kunsidrat li kien għat-telgħa, juri li kien miexi bi speed aktar minn dak li kien prudenti f'dik il-kantuniera; u dana ċertament jikkostitwixxi nuqqas ta' għaqal u traskuraġni da parti ta' dan Carmelo Agius;

Kwantu għat-talba tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan ta' Calleja, hu veru illi l-imputazzjoni kontra dana l-imputat hi dupliċi, waħda ta' sewqan perikoluż li ġġib magħha s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan fis-sens ta' l-art. 17 (2) tal-Kap. 105, u l-oħra ta' danneġġjament involontarju; iżda, kif irriteniet il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha, sedi ta' l-Appell, fil-kawża "Pulizija vs. Emmanuele Micallef et.", deċiża fl-4 ta' Novembru 1950, ir-reat minuri ta' sewqan perikoluż jinsab assorbit fir-reat aktar gravi ta' danneġġjament bħala figura ta' reat uniku punibili bil-piena ta' reat aktar gravi, u għalhekk ma jistax ikun applikabili għal hekk id-dispost ta' l-art. 17 (2) tal-Kap. 105. Mill-banda l-oħra, ma jirriżultax illi Calleja għandu xi liċenza speċjali bħala driver ta' vetturi talkiri, u għalhekk lanqas hu applikabili l-art. 59 tal-Kap. 13;

Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa d-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiemha, u wara li ħadet konjizzjoni ta' l-iskizz fol. 4, debitament konfermat fil-partikulari tiegħu mill-uffiċjal li rrediġieh, ġiet għall-konklużjoni li d-deċiżjoni appellata hi sewwa;

Għalhekk, fil-waqt li tadotta l-motivi ta' dik is-sentenza,

tiċħad l-appell u tikkonfermaha; żmien għal-ħlas sitt ijiem mil-lum.